ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 59/10**

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, l-20 ta' Diċembru 2010**

**Ħin: Fl-10:30 ta' filgħodu**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Deputat Sindku**
- **Is-Sur Harry Debono – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sur Carmelo Grima – Aġent Segretarju Eżekuttiv.**

Il-Kunsillier is-Sur Joseph Camilleri kien skużat.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Is-Sindku qal ħassejt id-dmir li nagħmel din il-laqgħa minħabba l-opportunita' li nqalgħet li l-Kunsill isiefer fid-29 ta' Jannar 2011.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 58/10

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 58/10 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI 58/10

Ma tqajmux punti mill-minuti.

Il-Kunsill qabel mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn dwar l-isem 'Ġmiel il-Fatra' minflok *Fireworks Festival*.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Il-Kunsill ġie mdaħħal fit-tqassim tax-xfafar tal-leħja GILETTE. Il-Kunsill għandu jagħmel kif ser jagħmlu Kunsilli oħra.

Kotba mill-MUSEUM Nadur. Il-Kunsill iddeċieda li jixtri ħmistax-il ktieb mill-MUSEUM tan-Nadur.

Il-Kunsill kien mistieden mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjojni Pubblika għal Konferenza Stampa. Is-Sindku għandu jirrappreżenta l-Kunsill.

Ġemellaġġ
Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u wara li saru xi kuntatti ma' bliet fl-Italja, il-Kunsill għandu jistħarreġ il-possibbilita' li jsir ġemellaġġ mal-Belt ta' Tavarnelle Val di Pesa. Delegazzjoni ta' ħames membri tista' titla' l-Italja bil-għan li jibdew it-taħditiet. Is-suġġetti l-aktar probabbli huma l-iskambji Edukattivi u Kulturali, it-tagħlim tal-Ingliż hawn Malta u t-tagħlim tat-Taljan fl-Italja.

Ri-imborż għal ħsara fil-karozza privata tal-Kunsillier Joseph Camilleri. Il-Kunsill irċieva kont ta' €295 tal-ħsara li saritlu. Il-Kunsill, wara li ħa inkonsiderazzjoni tal-każ jemmen li din il-ħsara saret b' vendikazzjoni għall-fatt li hu Kunsillier. Il-Kunsill għalhekk qed jimxi skont il-prassi preċedenti u għalhekk approva din it-talba.
Is-Sindku Carmelo Saliba astjena u t-tliet Kunsillieri l-oħra ivvutaw favur dan il-ħlas.

## 5. SPECIAL FUNDS, ECO GĦAWDEX

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ddeċieda li t-talba għandha tkun fuq is-*synthetic turf* tal-grawnd tal-iskola.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

**Dawn il-pagamenti ġew approvati:-**

*Contracts Manager Fee* – Settembru & Ottubru 2010
(Fortunato Mifsud) €115.39
Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ – Ottubru 2010

| | |
|---|---|
| (Nancy Cefai) | €143.84 |
| Konsum u kera tal-linji tat-telefons (GO) | €173.44 |
| Servizzi ta' fotografu (Philip Cassar) | €105.00 |
| Ġbir ta' skart domestiku u tbattil u tindif ta' *skips* – Ottubru 2010 (Louis Attard) | €3,985.63 |
| Ġbir ta' *bulky refuse* u tindif u żamma tal-latrini ta' Marsalforn – Ottubru 2010 (Dipartiment tal-Indafa Pubblika) | €618.79 |
| Servizz ta' *coach* – ħarġa għal Malta 30/09/2010 (Koptaco Coaches) | €163.00 |
| Servizzi ta' ġarr ta' flus – Novembru 2010 (Group 4S Security Services Ltd) | €30.44 |
| Xorb (The Liqueur Shop) | €350.40 |
| Tindif tal-uffiċini tal-Kunsill – Novembru 2010 (Salvina Bajada) | €37.28 |
| Servizzi ta' librara – Novembru 2010 (Joanne Grima) | €139.92 |
| *Stationery* għal-librerija tal-Kunsill (Joanne Grima) | €3.66 |
| *Contract Manager fee* – Novembru 2010 (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Żebgħa għall-bankijiet (Dominic Department Stores Ltd) | €23.58 |

## 7. AFFARIJIET OĦRA

- Il-Kunsillier Harry Debono informa lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex il-korrispondenza tintbagħat fl-indirizz 'Ta' Debono', Triq il-Mitħna Lija, Malta.
- Il-Kunsill għandu jqabbad lil Alfred Attard biex jaħrat is-siġar taż-żebbuġ.
- Ħajt imwaqqa' fi Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill għandu jqabbad lil Alfred Attard biex jibni l-ħajt imwaqqa' għal ħlas ta' €200. Il-konkos għandu joħorġu l-Kunsill. Alfred Attard għandu jingħata ħmistax-il ġurnata żmien.

Ilment 77/2010
Dwar l-ilment ta' Louis Dimech għandu jingħad l-ordni għal dan ix-xogħol ħarġet mill-Kunsill.
Il-konkos ma ngħatax għax hemm pendenti l-permess tal-MEPA.
Il-ħart tas-siġar taż-żebbuġ ingħata lil Alfred Attard (kif ingħad qabel).

Ilment 75/2010
L-ilment ta' Michael Cefai biex tiġi ppeċjata Triq il-Madonna taċ-Ċiċri għandu jsir ma' toroq oħra.

Ilment 74/2010
L-ilment ta' M' Anne Grech biex jitranġa l-ħajt ta' Triq iż-Żebbuġ 'l isfel miċ-ċimiterju (fejn ta' Duminku Cassar). Il-Kunsill qed isostni li dan għandu jsir mill-Gvern Ċentrali.

Ilment 73/2010
Michael Caruana talab biex tinbidel l-i*sticker* tat-tabella No Entry ta' ħdejn il-Klabb Żebbuġ Rovers fi Triq Mons Ġ. De Piro. Il-Kunsill iddeċieda li jinbidlu t-tliet tabelli.

Triq Ta' Barda
Il-Kunsill għandu jkellem lill-Perit Edward Scerri biex jirrapporta l-ħxuna tat-tarmak fi Triq Barda, Trqi Sta Marija u Triq ix-Xwejni.

Il-Kunsill approva li jinxtraw tmien djarji għall-Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill.

Il-Kunsill iddeċieda li nagħmlu l-ikla għall-Kunsilliera, membri tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn u staff. Il-Kunsill iħallas sa €50 u min irid iġib il-*partner* iħallas hu. Id-data għandha tiġi ffissata aktar tard.

Is-Sindku awgura lill-membri l-Milied it-tajjeb u s-sena l-ġdida 2011.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet f'nofsinhar. Il-Kunsill aġġorna *sine die* għal laqgħa ta' Jannar 2011.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Carmelo Grima**
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***